**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' April, 2025**

Numru 1

**Rikors Nru. 15/2024**

**John Camilleri**

**vs**

**INDIS Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul min John Camilleri wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tad-9 ta' Ottubru 2024;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Din hi sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni maghmula minn John Camilleri taht l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 sabiex jinstema mill-gdid l-appell li gie milqugh parzjalment minn din il-Qorti b'sentenza moghtija fid-9 ta' Ottubru 2024, wara li tigi mhassra l-istess sentenza.

L-appell li wassal ghal din it-talba sar in segwitu ghal decizjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' Marzu 2024 fejn l-istess Tribunal cahad l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta INDIS illi l-kwistjoni jekk ir-ritrattand kellux dritt jibqa' fl-impjieg ghal sena wara d-data tal-irtirar hija perenta ai termini tal-artikolu 75(3) tal-Kap. 452 u ordna l-prosegwiment tal-vertenza. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha irrevokat din il-parti tad-decizjoni tat-Tribunal rigward id-dekadenza izda ikkonfermat id-decizjoni tat-Tribunal fil-parti tat-talba fejn ir-ritrattand qed jilmenta li twaqqaf mill-impieg qabel ma lahaq l-eta tal-irtirar.

**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 applikazzjoni hazina tal-ligi**

Din il-Qorti tqis li bhala punt ta' tluq, talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor (ara **Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Ghalhekk, biex tinghata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-qorti applikat il-ligi l-hazina fis-sentenza attakkata. Huwa minhabba f'hekk ukoll li l-ligi fl-artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta trid li min jitlob is-smigh mill-gdid ta' kawza jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-ligi t-tajba li suppost giet applikata (ara **Joseph Spiteri et vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

Is-sentenza ghandha tithassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-ligi hazin izda meta tapplika ligi flok ohra li tghodd ghall-kaz, i.e. mhux ghax tkun applikat hazin il-ligi applikabbli izda ghax tkun applikat il-ligi l-hazina. Fi kliem iehor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-ligi hazina meta l-qorti tkun applikat b'mod hazin il-ligi t-tajba li kienet tghodd ghall-kaz (ara **Francesco Saverio Borg vs Joseph Mallia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh li

biex jista' jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal- ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara **Paul Piscopo et vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

Din il-Qorti mhix tal-fehma li dak li qed jissottometti r-ritrattand jikkostitwixxi zball ta' ligi kif irid l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha qalet hekk:

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju mressaq mis-socjetà appellanta fir-rikors tal-appell taghha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula mit-Tribunal fid-decizjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat.
*L-Aggravju: [Il-kwistjoni hija perenta - l-appellat ressaq l-azzjoni tieghu quddiem it-Tribunal wara l-iskadenza ta' erba' xhur minn meta gie tterminat]*

Is-socjetà appellanta tghid li t-Tribunal kien zbaljat meta qies li l-appellat agixxa entro t-terminu ta' erba' xhur stipulati mil-ligi, meta dan ressaq l-azzjoni tieghu quddiem it-Tribunal. Is-socjetà appellanta qalet li l-appellat gie infurmat li l-impjieg tieghu ma kienx ser jigi estiz wara li jilhaq l-età tal-irtirar fil-5 t'April, 2023, u ghalhekk il-perijodu ta' erba' xhur beda jghaddi minn dik il-gurnata, sabiex b'hekk kwalsiasi azzjoni tal-appellat kellha titressaq sal-4 t'Awwissu, 2023. Jirrizulta li l-appellat ressaq ir-rikors tieghu quddiem it-Tribunal fis-7 ta' Settembru, 2023, u ghalhekk wara li kienu ghaddew l-erba' xhur stipulati mil-ligi sabiex titressaq azzjoni bhal din.

Il-Qorti tibda billi tosserva li l-azzjoni tal-appellat hija maqsuma fuq zewg binarji, bl-ewwel binarju huwa li kellu l-approvazzjoni tas-CEO moghtija permezz l-*email* tat-3 ta' Jannar, 2023, li huwa kien ser jibqa' fuq il-kotba tal-kumpannija ghal sena wara li jaghlaq l-età tal-irtirar, u decizjoni bhal din ma setghetx tigi irtirata minn persuna jew persuni li huma subordinati tas-CEO fil-gerarkija tal-kumpannija. It-tieni binarju li fuqu hija msejsa l-azzjoni tal-appellat, huwa li l-impjieg tieghu gie tterminat b'mod ingust gurnata qabel ma huwa ghalaq sninu, u ghalhekk huwa tkecca mill-impjieg minghajr ma kien hemm raguni ghal dan.

Fl-ewwel lok il-Qorti tqis li, u dan b'riferiment ghall-eccezzjoni sollevata mill-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell tas-socjetà appellanta, l-aggravju mressaq mill-appellanta huwa dwar punt ta' ligi, anzi dwar punt ta' ordni pubbliku, jigifieri jekk kienx gustifikat l-appellat iqis li kien hemm sospensjoni tat-terminu perentorju ta' erba' xhur, in vista tal-korrispondenza li kellu ma' xi hadd li jahdem fis-Sezzjoni tal-HR tal-kumpannija. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell odjern huwa ammissibbli, u hija ghandha l-*vires* necessarju sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha u tiddeciedi dwar dan l-aggravju. Tirrileva wkoll li l-*email* tas-CEO tas-socjetà appellanta tat-3 ta' Jannar, 2023, tindika b'mod car li l-ahhar kelma dwar it-talba tal-appellat ma kinitx tas-CEO, izda kienet mehtiega koordinazzjoni mas-Sezzjoni tal-HR sabiex it-talba tal-appellat setghet tigi deciza. Fil-fatt, permezz ta' *email* mibghuta lill-appellat fil-5 t'April, 2023, huwa gie infurmat li wara li t-talba tieghu giet evalwata, gie deciz li t-talba tieghu li jibqa' jahdem ghal sena ohra wara l-età tal-irtirar, ma kinitx intlaqghet. Fil-fatt, l-*email* mibghuta lill-appellat fil-5 t'April, 2023 tghid hekk: *"[f]ollowing your discussions with CEO Mr Fenech, kindly be advised that following Perit Attard's recommendation, this have referred to Management for their consideration. Management has decided that given the current exigencies of the Company there is no scope for extension and consequently, your request cannot be entertained."* Mill-kontenut ta' din l-*email* ghandu jirrizulta li qabel setghet tigi deciza t-talba tal-appellat, kellu jsir ezami dwar jekk il-kumpannija kienx ghadx ghandha l-htiega tas-servizzi tal-appellat, u ghalhekk certament li din ma kinitx decizjoni li setghet tittiehed unilateralment minn persuna wahda, irrispettivament mir-rwol li dan jokkupa fil-

gerarkija tal-kumpannija. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-appellat gie infurmat li l-impjieg tieghu kien ser jittermina f'Gunju bl-*email* tal-5 ta' April, 2023. It-talba maghmula minnu sabiex it-talba tieghu tigi evalwata mill-gdid, bl-ebda mod ma kellha xxekkel id-dritt tieghu li jressaq talba quddiem it-Tribunal f'kaz li huwa kien tal-fehma li l-impjieg tieghu kien qieghed jigi tterminat ingustament. Izda dan id-dritt kellu jigi ezercitat entro t-terminu ta' erba' xhur minn meta huwa gie notifikat bl-*email* tal-5 ta' April, 2023, li kienet l-ewwel korrispondenza li permezz taghha l-appellat gie infurmat li t-talba tieghu sabiex jibqa' jahdem ghal sena wara li jilhaq l-età tal-irtirar, ma kinitx intlaqghet. Kwalunkwe talba mressqa mill-appellat sabiex il-kaz tieghu jigi kkunsidrat mill-gdid, u r-risposti li nghata li ser isiru aktar verifiki, ma jibdlux il-fatt li fil-5 ta' April, 2023, huwa gie mgharraf li s-socjetà appellanta ma kinitx ser izzommu fuq il-kotba taghha wara li jilhaq l-età tal-irtirar. Dan ifisser li l-azzjoni dwar il-pretensjoni tieghu li kien hemm xi forma ta' ingustizzja bil-mod kif hu gie mgharraf li s-servizzi tieghu ma kinux aktar mehtiega wara li hu jirtira, kellha tigi ezercitata sal-4 t'Awwissu, 2023. Safejn ghalhekk jirrigwarda l-ewwel binarju li fuqu hija msejsa l-azzjoni tal-appellat, l-azzjoni hi perenta, ghaliex lahqu ghaddew aktar minn erba' xhur mid-data meta l-appellat gie nfurmat li s-servizzi tieghu ma kinux aktar mehtiega sad-data meta huwa ressaq l-azzjoni tieghu.

Ghar-rigward tat-tieni binarju tal-azzjoni, ossija l-fatt li l-ahhar gurnata tax-xoghol tal-appellat kienet id-19 ta' Gunju, 2023, mentri huwa jaghlaq sninu fl-20 ta' Gunju, 2023, l-appellat qieghed jikkontendi li l-impjieg tieghu intemm qabel ma huwa lahaq l-età tal-irtirar, il-Qorti tirrileva li l-appellat kien ghadu fil-hin li jressaq dik l-azzjoni, ladarba din hija xi haga li avverat ruhha fid-19 ta' Gunju, 2023. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li t-Tribunal ghandu jkompli jisma' l-ilment tal-appellat fir-rigward ta' meta kellu jahdem l-ahhar sabiex jitqies li huwa sar pensjonant, u dwar jekk hux minnu li huwa tkecca mill-impjieg qabel effettivament lahaq l-età tal-irtirar.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-appell odjern billi filwaqt li (i) tilqghu parzjalment, u tiddikjara l-azzjoni tal-appellat perenta safejn din tikkoncerna d-decizjoni tas-socjetà appellanta dwar it-talba tal-appellat sabiex jahdem ghal sena wara l-età tal-irtirar, stante li din kellha titressaq fi zmien erba' xhur minn meta huwa rcieva l-*email* tal-5 ta' April, 2023, li permezz taghha huwa sar jaf li t-talba tieghu kienet giet michuda; (ii) safejn l-appellat qieghed jilmenta wkoll li huwa twaqqaf mill-impjieg qabel ghalaq l-età ta' 64 sena, jigifieri gurnata qabel ma huwa lahaq l-età tal-irtirar, tordna li l-atti jintbaghtu quddiem it-Tribunal sabiex jitkompla s-smigh dwar il-mertu.

F'dan l-istadju l-spejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

F'dan il-kaz ir-ritrattand qieghed jippremetti u jargumenta b'mod kontradittorju ghal pozizzjoni li ha hu stess quddiem it-Tribunal u l-Qorti tal-Appell. Il-kwistjoni mqajma kienet dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta mibnija fuq zewg binarji, l-ewwel ghaliex il-management fejn kien jahdem kien gia approva l-estensjoni ta' impjieg ghal sena wara d-data tal-irtirar u ma setax imur lura minnha u t-tieni ghaliex hu sahansitra twaqqaf mill-impjieg qabel id-data li kellu jilhaq l-eta tal-irtirar.

Thares mnejn thares lejha din hi  kwistjoni dwar tkeccija ingusta regolata mill-artikolu 75 tal-Kap. 452 fejn il-kwistjonijiet kollha dwar allegazzjonijiet ta' tkeccija ingusta jingiebu quddiem it-Tribunal Industrijali minghajr ma taghmel xi eccezzjoni ghar-raguni wara l-allegat tkeccija ingusta. Din it-talba trid tingieb quddiem it-Tribunal fi zmien erba' xhur mid-data tal-ksur. It-Tribunal applika l-ligi t-tajba u hekk ukoll ghamlet il-Qorti. Kien biss meta l-Qorti tal-Appell

laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta ritrattata li l-azzjoni hi perenta li r-ritrattand issa qed ighid li l-artikolu relevanti li messu gie applikat kien l-artikolu 966 tal-Kap. 16 u l-artikli (mhux citati) dwar ir-regoli generali dwar il-kuntratti fejn il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' hames snin skont artikolu 2156 tal-Kap. 16. Apparti li qatt ma saret xi sottomissjoni simili mir-ritrattand quddiem it-Tribunal jew il-Qorti tal-Appell, l-istess ritrattand dejjem sostna li ma kienx hemm preskrizzjoni/dekadenza ghaliex id-decizjoni ta' terminazzjoni tal-impjieg ma kinitx valida u ghalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni/dekadenza skont il-Kap 452 ma iddekorriex.

Din il-Qorti ma ghandhiex x'izzid billi dak allegat mir-ritrattand ma ghandu ebda siwi billi intuzat il-ligi t-tajba u l-artikolu relevanti ghal vertenza.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' John Camilleri ghat-thassir tas-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tad-9 ta' Ottubru 2024, bl-ispejjez kontra r-ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur